# Nassessjaw L-Iżvilupp Ta’ Wliedna

# Mit-Twelid Sa Tliet Snin

## Mistoqsija u Tweġiba

Leonard Grech

# Nassessjaw L-Iżvilupp Ta' Wliedna

# Mit-Twelid Sa Tliet Snin

## Mistoqsija u Tweġiba

**Leonard Grech**

**Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni**

**2010**

# Werrej


paġna

Messaġġi … … … … … … … … 3

Ħarsa Ġenerali … … … … … … … 4

Kif għandek iġġib ruħek mat-tfal
u attivitajiet li nistgħu nagħmlu ma'
tfal taħt it-tliet snin … … …. … … … 6

Trabi: mit-twelid sa sena … … … … … 8

Toddlers: minn sena sa sentejn … … … 10

Toddlers bejn is-sentejn u tliet
snin … … … … … … … … … 11

Tfal ta' Tliet Snin … … … … … … … 29

## Messaġġi

Tassew huwa minnu l-qawl Malti "Il-ħobż agħtih lil min jaf jieklu u x-xogħol lil min jaf jagħmlu". F'dan il-każ ix-xogħol li għamel Leonard Grech juri l-ħila li għandu li jiġbor ftit mill-esperjenzi li għadda minnhom u r-riflessjonijiet tiegħu f'forma ta' mistoqsija u tweġiba.
Dan il-ktieb huwa xhieda tas-sitwazzjonijiet li għadda minnhom l-awtur u tat-tagħlim li żviluppa kemm mal-istudenti li kien jgħallem kif ukoll ma' wliedu.
Il-ktieb huwa mmirat biex jiġu żviluppati l-ħiliet tat-tfal mit-twelid sa tliet snin. Illum huwa fatt rikonoxxut li trabi fil-ġuf diġà juru sensittività u reazzjoni għall-messaġġi li jieħdu speċjalment permezz tal-ħoss, pereżempju permezz tal-mużika. It-tagħlim huwa proċess li jibda mit-twelid, u huwa importanti li min ikun ma' tfal ta' età bikrija jibda l-proċess li jgħinhom jikbru fl-esperjenzi tagħhom permezz tal-mistoqsijiet li jsaqsihom u permezz tal-ambjent li jikkultiva.
F'dawn is-sensiela ta' esperjenzi u eżempji naraw li waqt li m'hawnx xi studju profond ta' psikoloġija jew żvilupp psikoloġiku, hawn l-esperjenzi mibnija fuq ir-realta' li għex Leonard Grech, u għalhekk juru fil-fatt ħafna għerf dwar l-iżvilupp tat-tfal.
Nawgura li kemm ġenituri kif ukoll dawk li jaħdmu mat-tfal isibu dan il-ktieb ta' siwi għalihom. Nagħlaq billi nirringrazzja lill-awtur tax-xogħol tiegħu li għen biex jimla vojt li kien hemm fis-settur tal-edukazzjoni Maltija fejn tidħol l-età bikrija.

Is-Sur Raymond J. Camilleri  Direttur: Dipartiment għall-Immaniġġjar tal-Kurrikulu u eLearning

Ħadt tassew pjaċir naqra dan ix-xogħol li huwa maħsub l-aktar għall-ġenituri kif ukoll edukaturi oħra li jieħdu ħsieb tfal żgħar ta' tliet snin jew anqas. Forsi għad hawn min jaħseb li ma' dawn it-tfal ftit li xejn hemm x'tagħmel. Din hija idea żbaljata ħafna għax kif jurina tant tajjeb Leonard Grech, l-edukazzjoni tat-tfal tibda mit-twelid biex ma ngħidx minn qabel ukoll. Ir-relazzjonijiet li nibnu mat-tfal, il-ħin ta' kwalità li nqattgħu magħhom, l-attivitajiet li norganizzawlhom kif ukoll l-esperjenzi li noħolqulhom huma kollha ta' effett kbir fuq it-tfal.
Dan ix-xogħol huwa miktub b'Malti ħafif u jaddotta l-istil ta' mistoqsija u tweġiba. Għalhekk iqajjem ċertu interess u kurżità fil-qarrejja. X'ħin tibda taqrah ma tkunx trid tħallih minn idejk. Il-ħafna stampi f'kull paġna jissoktaw jagħmlu din il-pubblikazzjoni interessanti u attraenti.
L-awtur jitratta aspetti varji tal-iżvilupp imma jisħaq ħafna fuq l-akkwist tal-ħiliet. Għalhekk jikkonċentra fuq attivitajiet li nistgħu nagħmlu ma' tfal ta' etajiet differenti, anke jekk dawn ikunu toddlers jew saħansitra tfal taħt is-sena.
Naqbel ħafna mal-awtur li l-edukazzjoni trid tibda mit-twelid. Din il-biċċa xogħol li għandna f'idejna toffri lill-ġenituri, jew lil dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, bosta attivitajiet u esperjenzi li jagħtu gost kemm lit-tfal kif ukoll lil dawk li jieħdu ħsiebhom. Niftakru li qed nitkellmu dwar etajiet meta m'għandux ikun hemm tagħlim formali. It-tagħlim irid isir bil-logħob. Jiena żgur li intom il-qarrejja ssibu dan ix-xogħol ta' utilità kbira.
Nawguralkom kif nawgura wkoll lil Leonard Grech li tana dan ix-xogħol.

Dr Grace Grima        Direttur Ġenerali DQSE

## Ringrazzjamenti

Niringrazzja minn qalbi lil Anna u Mary Grech kif ukoll lis-Sur Nicholas Bezzina għall-għajnuna li tawni. Grazzi wkoll lis-Sur Raymond J. Camilleri u lil Dr Grace Grima għall-messaġġi tagħhom.

Leonard Grech (Assistent Direttur, Assessjar għat-Tagħlim)

# (1)

## Ħarsa Ġenerali

*** Nibdew bl-ewwel mistoqsija. X'nifhmu meta ngħidu assessjar?**

Fil-ħajja ta' kuljum nużaw espressjoniet bħal 'tassessja s-sitwazzjoni'.
Ngħidu aħna tassessja l-qagħda politika f'pajjiż. Nisimgħu ħafna wkoll fuq il-qagħda ekonomika, u allura naraw kemm hemm nies jaħdmu jew bla xogħol, xi kwalità ta' impiegi hemm fil-pajjiż, kemm idaħħlu paga l-ħaddiema, x'kundizzjonijiet qed jaħdmu fihom, x'taxxi hemm fil-pajjiz, u kemm hu d-dħul tal-Gvern.
Meta tassessja tkun qed tevalwa, jiġifieri tkun qiegħed tara x'inhi s-sitwazzjoni.

*** Issa niġu għal assessjar fl-edukazzjoni. F'liema oqsma nistgħu nassessjaw lit-tfal?**

Kemm il-ġenituri kif ukoll l-għalliema jistgħu jassessjaw lit-tfal f'diversi oqsma. Nistgħu nassessjawhom biex naraw fiex waslu fl-iżvilupp soċjali u emozzjonali (kemm jitħalltu ma' tfal oħra, jekk jaqsmux ġugarelli ma' ħaddieħor, kemm kapaċi joqogħdu attenti, u kemm għandhom kunfidenza fihom infushom).



Hemm ukoll l-iżvilupp fiżiku.
Tara, ngħidu aħna, jekk humiex jiżviluppaw il-muskoli ċkejknin tal-idejn, jew dawk tas-saqajn.
L-iżvilupp tal-Lingwa: kemm jitkellmu ċar u kemm kapaċi jisimgħu b'attenzjoni? Jistaqsu mistoqsijiet? Jafu li l-ittri jirrappreżentaw ħsejjes partikolari?
L-iżvilupp fil-Matematika: affarijiet sempliċi, bħal jekk jafux in-numri u sakemm jafu jgħoddu.
Tista' tassessja wkoll jekk jafux x'ifissru n-numri u jekk jagħrfux forom differenti, bħal ċirku jew kwadru.






Tajjeb naraw ukoll jekk it-tfal humiex konxji ta' xi ħaġa kbira u oħra akbar minnha, xi ħaġa tqila jew ħafifa jew xi ħaġa ħarxa jew tiżloq.
Hemm ukoll l-iżvilupp tal-interess fid-dinja ta' madwarna. Tassessja kemm it-tfal iħobbu jesploraw, kemm josservaw, u kemm jistaqsu dwar dak li jaraw, bħal siġar, għasafar, karozzi, u mitt elf ħaġ'oħra.

### * Għalfejn nassessjaw?

Nassessjaw ħalli naraw kif inhu sejjer l-iżvipupp tat-tfal. Nistennew li l-iżvilupp jikber magħhom.
L-assessjar huwa meħtieġ għax jurina fiex inhuma t-tfal. Qed jiżviluppaw tajjeb jew qed jaqgħu lura? Nieħdu eżempju ta' tifel ta' tliet snin li l-ħin kollu jrid lil ommu, ma jafx jgħodd, ma jikkonċentrax, u ma jitkellimx. L-assessjar qed jixgħel bozza ħamra f'dan il-każ. Ara x'inhu jiġri u għaliex. Mela l-assessjar qed jagħmlek konxja tal-iżvilupp tat-tifla f'oqsma differenti. Huwa meħtieġ ħalli jwasslek tieħu l-passi meħtieġa.

### * Kif isir l-assessjar? X'metodi jintużaw?



Ħafna drabi billi tinnota. Omm tinnota li ssejjaħ lit-tifel u dan ma jweġibx. Tieħdu jagħmel test tas-smigħ għand awdjoloġista. Missier jinnota li t-tifla mhix tagħraf lin-nies min-naħa għall-oħra tat-triq. Ġenituri joħduha biex jaraw għandhiex bżonn nuċċali.
Huwa għalhekk meħtieġ li l-ġenituri jqattgħu ħin ma' wliedhom u jinnutawhom. Ikunu qed jgħinuhom ħafna fl-iżvilupp jekk jilagħbu, jifirħu u jaqraw magħhom. Jagħmlu wkoll ħafna ġid meta joqogħdu jkellmuhom. Dawn huma l-akbar rigali li jistgħu jagħtu lil uliedhom.

### * Hemm xi periklu li jeħtieġ jevitaw il-ġenituri?



Iva hemm, u dan li se ngħid ma jgħoddx biss għall-ġenituri imma wkoll għan-nanniet u nies oħra li jieħdu ħsieb it-tfal żgħar.
Aħna lkoll, anke mingħajr ma nafu, nassessjaw lit-tfal, imma m'għandniex niffissaw. Hemm bżonn niftakru li t-tfal huma kollha differenti u jiżviluppaw bil-pass tagħhom. Ma noqogħdux ngħaġġluhom biex jaqtgħu l-ħarqa, biex jibdew jimxu, jaqbdu l-lapes, jgħoddu, jiktbu u x'naf jien. Faċli li nkunu qed naqbżu xi fażi li hija meħtieġa fl-iżvilupp tat-tfal. Ngħidu aħna, qabel jimxu t-tfal għandhom bżonn jikkroljaw.

Hemm bżonn li lit-tfal nagħtuhom ħafna esperjenzi. Importanti li dawn ikunu ferħanin u li jkollhom idea tajba tagħhom infushom. Ngħinuhom jifhmu li huma importanti u li huma kapaċi, u għalhekk m'għandniex immaqdruhom. Anzi għandna nħobbuhom u nfaħħruhom.

# (2)

## Kif għandna nġibu ruħna mat-tfal u x'attivitajiet nistgħu nagħmlu ma' dawk ta' taħt it-tliet snin.

### * Kif għandna nġibu ruħna aħna l-ġenituri mat-tfal tagħna?

Aktar ma nilagħbu mat-tfal, inkellmuhom, nisimgħuhom, naqrawlhom, inħalluhom jesploraw u jesperimentaw, u ngħinuhom jimmaġinaw, aktar inkunu qed nuruhom kemm it-tagħlim huwa ta' pjaċir u kemm huwa importanti.

### * Hemm xi vantaġġi meta l-ġenituri jġibu ruħhom b'dan il-mod?



Tfal li mit-twelid telgħu f'ambjent bħal dan jitgħallmu jaqraw malajr u jkunu suċċess aktar minn oħrajn li telgħu f'ambjent fqir fejn it-tfal ma jgħaddux minn esperjenzi li jistimulawhom. Jiġifieri l-ġenituri huma f'pożizzjoni li jagħtu vantaġġ jew żvantaġġ lil uliedhom.

### * Hemm xi attivitajiet partikolari li jistgħu jagħmlu l-ġenituri ma' wliedhom?

Hemm ħafna x'tista' tagħmel ma' tfal ta' bejn it-twelid u t-tliet snin. Snin kruċjali li matulhom ikun hemm tibdil qawwi fl-oqsma kollha tal-iżvilupp, inkluż l-iżvilupp tal-lingwa.
Logħob bil-ballun. Taqbad u titfa' l-ballun, taqbeż, tiżfen u titla' ma' *climbing frames*.
Dan kollu jikkoordina l-muskoli tal-idejn u s-saqajn.





Tikkulura bil-*crayons*, tagħmel il-*jigsaw puzzles* (biċċiet kbar), taqta' l-karti b'imqass bla ponta, tgħolli u tniżżel iż-żipp tal-ġakketta, iżżomm f'idek oġġetti żgħar bħal flus, żibeġ, blokks żgħar u tant affarijiet oħra.

Dan kollu jgħin biex tikkoordina l-muskoli żgħar tal-idejn u tas-swaba'.



Ħalli t-tfal jikkroljaw, jixorbu minn tazzi tal-plastik, jaħslu snienhom u jilagħbu bil-*plasticine* jew bl-għaġina (’il quddiem ngħidu kif din tista’ tagħmilha).
Ilgħab mat-tfal kemm tiflaħ, għinhom skont il-każ. Kun għalihom bħal dawk ir-roti ż-żgħar ta’ mal-*bicycle* li tneħħihom biss meta tara li t-tifel jista’ jimxi mingħajrhom.



*** Kemm hu meħtieġ li nitkellmu mat-tfal?**



Tkellem ħafna mat-tfal sa mit-twelid. Mhux il-leħen mit-televixin jew mir-radju għandhom bżonn jisimgħu, imma leħen ommhom u missierhom. It-tfal għandhom bżonn jaraw wiċċek. Għalhekk tbissmilhom u għannaqhom ħalli jkunu jafu li tħobbhom. Ħallihom ukoll jaraw it-televixin, iżda mhux iżżejjed u ara li tagħżel programmi addattati għall-età tagħhom.

Meta t-tfal jibdew jikbru, tkellem magħhom anke fuq kif qed iħossuhom, ħalli jidraw li hija normali li tgħaddi minn mumenti ta’ ferħ, dwejjaq, rabja, u sentimenti oħra. Għalhekk iddedika ħin biex tisma’ lit-tifel. Ħafna drabi ma nisimgħux. Idra ieqaf u isma’ bla għaġla. Ipprova tgħidx il-frażi “ħallini għalissa” jew “ħin ieħor għax issa għandi x’nagħmel” jew “ħa nlesti, imbagħad għidli”.

*** Però għandna bosta ġenituri jaħdmu. Kif se jsibu l-ħin joqogħdu mat-tfal?**

Jekk hemm bżonn ħalli l-faċendi tad-dar ftit fil-ġenb, jew naqqas mill-ħin ta’ xi *part time job*. Li nsibu ħin noqogħdu mat-tfal hija prijorità. U niftakru li jrid ikun ħin ta’ kwalità. Il-ġenituri jeħtieġ jagħtu l-attenzjoni kollha tagħhom lit-tfal waqt li jkunu magħhom. Tilgħab magħhom, taqralhom u anke tistaqsihom mistoqsijiet. Ħallihom jitkellmu. Fid-dar u barra mid-dar urihom affarijiet ta’ madwarna ħalli jkabbru l-esperjenzi tagħhom. Ħudhom f’postijiet ġodda, mużewijiet, postijiet storiċi, imma tesaġerax, u ddejjaqhomx b’dettalji.

*** Semmejt il-qari. Kemm huwa importanti?**



Importanti ħafna sa mit-twelid, anke jekk mingħalina t-trabi ma jkunu qed jifhmu xejn. Fil-bidu aqra lit-tfal, iżjed ma jikbru aqra magħhom. Urihom l-istampi li jmorru ma’ dak li qed taqra. Ħajjarhom jaqraw miegħek u kultant jaqraw huma stess jekk ikunu kibru biżżejjed. It-tifla tieħu pjaċir tisma’ leħnek. Tibda tassoċja l-qari ma’ dak il-ħin sabiħ li tqatta’ mal-ġenituri. B’dan il-mod it-tifla

trabbi mħabba dejjiema għall-qari. Fuq dan is-suġġett nitkellmu wkoll aktar ’il quddiem.

## (3) Attivitajiet speċifiċi għal etajiet differenti

### * L-attivitajiet li se ssemmi jitgħallmu minnhom it-tfal?

Iva, imma jitgħallmu għax jieħdu pjaċir. Għalhekk agħżel attivitajiet li jogħġbu lit-tifel jew lit-tifla. Jekk ma jurix interess, ieqaf u aqbad attività oħra. Irrispetta l-għażla tat-tfal. Importanti li t-tfal jieħdu ċerti deċiżjonijiet huma. X’se nilagħbu? Fejn se mmorru passiġġata? B’liema ballun se nilagħbu? Meta jieħdu pjaċir, ikunu awtomatikament qed jitgħallmu.
Toqgħodx tgħallem b’mod dirett qisek se tagħmel xi lezzjoni.

### Trabi: Mit-Twelid sa Sena

### * Issa ejja nikkonċentraw fuq età speċifika, jiġifieri trabi mit-twelid sa sena. X’inhi l-aktar ħaġa importanti li trid tagħti lit-tfal sa mit-twelid?

Hemm bżonnijiet bażiċi bħal ikel bnin u addattat. Imma aħna se nitkellmu fuq affarijiet oħra. Huwa bżonn bażiku wkoll li tkellem lit-tifel, titbissimlu, tgħannqu, u turih li tħobbu. Dan huwa meħtieġ daqs l-ikel u l-ħwejjeġ. Sa mit-twelid it-tfal iridu jikbru f’ambjent li jsaħħaħhom emozzjonalment. Sa mill-bidu jeħtieġ li nuru lit-tfal li huma importanti u li jiswew. B’dan il-mod ngħollulhom l-apprezzament tagħhom infushom u l-fiduċja fihom infushom. Irridu wkoll inrabbu fit-tfal il-fiduċja fl-oħrajn. Din titrabba meta inti tkellimhom, tgħannaqhom u fiżikament tmisshom miegħek.





Għalhekk trabi tat-twelid jagħtuhom lil ommhom ħalli tpoġġihom fuqha u tibni relazzjoni mill-ewwel mumenti wara t-twelid.
Il-fiduċja tiżviluppa bil-mod u ġġib sens ta’ serenità fit-tfal.

Agħtihom oġġetti x’jaqbdu bħal *soft toys* li ma jkunux ta’ periklu. Oħloq opportunitajiet biex it-tfal jisimgħu l-lingwa. Aqralhom u wrihom l-istampi. It-tagħlim jibda mill-ewwel mumenti.

## * X’nistgħu nagħmlu ma’ trabi ta’ ftit xhur?




Meta t-tarbija tibda tikkontrolla r-ras (fil-ġimgħat ta’ wara t-twelid il-muskoli tal-għonq ikunu dgħajfa u għalhekk ara li tissapportja tajjeb ir-ras) l-omm tista’ timtedd fl-art jew fuq is-sodda u tpoġġi t-tarbija fuqha. Tħalliha tmissilha xagħarha u wiċċha waqt li l-omm tkellimha. Din il-pożizzjoni tat-tarbija fuq l-omm tgħin biex fl-istess ħin it-tarbija ssaħħaħ il-muskoli tas-sider u tad-dahar. Dan huwa essenzjali meta t-tarbija tiġi biex tikkrolja.

## * Għandna nkantawlhom jew insemmgħulhom mużika lit-tfal żgħar?

Iva, il-mużika hija effettiva, imma dejjem oqgħod attenta li l-volum ma jkunx qawwi.

Ħaddan lit-tarbija u kantalha. Agħżel *nursery rhymes* u rrepetihom spiss. Iżfen biha fuqek waqt li żżommha minn daharha. Dan ikompli jagħtiha sens ta’ sigurtà.

## * X’użu nistgħu nagħmlu minn affarijiet li nsibu fid-dar meta jibdew għaddejjin ix-xhur?

Ħaddem l-immaġinazzjoni u tara kemm tista’ tuża affarijiet. Imma hemm oġġetti li trid tevita, ngħidu aħna oġġetti żgħar li jistgħu jitpoġġew fil-ħalq u dak li jkun jiblagħhom. Oqgħod attenta wkoll minn affarijiet perikolużi bħal dawk bil-ponta. Mill-bqija hemm mitt elf ħaġa li tista’ tagħti lil tfal anke ta’ età żgħira. Jieħdu pjaċir bi drappijiet, xi kazzola jew reċipjenti oħra tal-kċina u anke affarijiet li jagħmlu ħoss, bħal mazz ċwievet. Agħżel kuluri differenti, *texture* differenti (drapp jiżloq u ieħor le), affarijiet li jagħmlu ħoss u oħrajn li ma jagħmlux. Dawn huma kollha mezz ta’ tagħlim. Innota kif it-tarbija ġġib ruħha malli tiskopri xi ħaġa ġdida.Għat-tarbija kollox huwa ġdid u kull esperjenza hija mezz ta’ tagħlim.



## * Jiġifieri aktar ma nagħtu esperjenzi ġodda lit-tarbija aktar aħjar?



Dażgur. Kif qed ngħidu, kollox huwa ġdid għat-tarbija. Ngħidu aħna ilgħab magħha billi tistaqsiha fejn hu mneħirha. Imbagħad tgħidilha, “Hawn hu mnieħrek”, u tmissilha mneħirha. Imbagħad kompli bil-widna, irkupptejha jew żaqqha. Uri lit-tarbija affarijiet waqt li titbissem u tgħidilha x’inhuma. B’repetizzjoni t-tarbija tibda tassoċja l-isem mal-oġġett. Tgħidilha: “Din il-pupa ta’ Anna. Kemm hi sabiħa l-pupa. Kemm inħobbuha din il-pupa.” Ir-repetizzjoni tgħin u t-tfal jieħdu pjaċir biha.

# (4)

## Toddlers: minn sena sa tliet snin

* **Ħa nitkellmu fuq toddlers. X'aħna nifhmu eżattament?**

Qed nifhmu dawk ta' bejn sena u tliet snin. Imma biex inkunu aktar ċari se nifirduhom minn sena sa sentejn u minn sentejn sa tliet snin.

**Minn Sena sa Sentejn**

* **Hemm xi karatteristiċi partikolari għal din l-età?**

Dan huwa żmien meta t-tfal ikunu enerġetiċi ħafna, jimitaw (pereżempju jagħmlu xogħol tad-dar), iżidu l-vokabolarju għal xi 250 kelma u jilagħbuha li qed jaqraw u jiktbu. Ikunu jridu lill-kbar jaqrawlhom, ikollhom il-kotba favoriti tagħhom, u jħobbu jesperimentaw, ngħidu aħna jimxu b'lura.

* **Jiġifieri f'din età jibdew isiru aktar indipendenti?**

Iva, u għalhekk jeħtieġ li nħalluhom jagħmlu ċerti għażliet. Tħalli f'idejn it-tifel jiddeċiedi liema flokk irid jilbes, b'liema ġugarell u f'liema kamra jixtieq li nilagħbu. Jekk trid agħti għażla lit-tifel, imma mbagħad ħalli f'idu.

* **Fiżikament ikunu telqu jimxu. Hemm xi ħaġa li nistgħu nagħmlu biex ngħinuhom isaħħu l-muskoli?**



Iva, f'din l-età għandna ngħinuhom ħalli jsaħħu l-muskoli ta' saqajhom u ta' jdejhom (pereżempju jaqbdu u jitfgħu ballun, ipoġġu l-ġugarelli f'posthom jew jagħmlu *jigsaw puzzles* ħfief). Jistgħu wkoll jilagħbu bi blokks u jiġbru lapsijiet mill-art. Importanti li jużaw is-swaba', ngħidu aħna jżommu xi pinzell taż-żebgħa.

* **Tajjeb li f'din l-età ngħinuhom jiżviluppaw is-sensi jew forsi jkun għadu kmieni wisq?**



Le, mhux kmieni. Imma ma nisfurzawhomx. It-tfal juruna huma stess. Niftakru wkoll li dak kollu li jagħmlu t-tfal irid ikun ta' pjaċir għalihom ħalli b'hekk iħossuhom stimulati u

motivati. Jeħtieġ li noħolqulhom opportunitajiet biex huma jitħarrġu fis-sens ta' vista, smigħ, xamm, togħma, u mess. Nuruhom stampa u nkellmuhom fuqha ħalli jidraw jinnutaw. Tkun fil-kampanja u tara xi insett jew tisma' xi għasfur. Jew mid-dar tisma' l-qniepen tal-knisja, jew ikollok xi biċċa drapp li tħaxwex.



It-tifla tinnota li hemm ħsejjes ġejjin minn barra, oħrajn mid-dar u oħrajn li tista' tagħmel hi stess. Int bħala ġenitur (jew nanna, ziju, eċċ) għandek dejjem tiġbed l-attenzjoni tat-tifel jew tifla ħalli dawn jitgħallmu. Dan dejjem tagħmlu bi tbissim u b'mod ta' logħob. Waqt l-ikel it-tifel jarak ixxomm xi frotta u jimitak, jew waqt il-ħasil ixxomm ix-xugaman u hu jagħmel bħalek. Imbagħad hemm it-togħma ta' ikel differenti. Tħallix l-okkażjoni taħrablek. L-istess dwar is-sens tal-mess. Għandek oġġett artab jew ieħor iebes u oġġett jiżloq jew aħrax. Għaffeġ xi karta u t-tifla tagħmel bħalek; tisma' l-ħoss u fl-istess ħin tħoss il-karta f'idha. Għidilha wkoll taqbad oġġett u mbagħad ħajjarha taqbad l-ilma. M'hemmx limitu kemm tista' tgħallem lit-tfal u tagħmlilhom il-ħajja interessanti.

*

**Jiġifieri dan huwa żmien li niżviluppaw fit-tfal ċerti ħiliet?**



Hekk hu. Pereżempju semmejna li tagħti karta jew borża lit-tifla u din tgħaffiġha. Tagħmel dak il-ħoss ta' tħaxwix. Għandek il-kawża u għandek l-effett. Qegħdin fil-banju li fih l-ilma. It-tifel jgħolli t-tapp u l-ilma jitlaq. It-tifla qed tilgħab bil-blokks. Tibda tibni torri, tgħolli l-blokks fuq xulxin. Meta tgħolli ħafna jaqa' kollox. Inti tgħidilha: "Ara x'ġara!". Tibda tifhem li hemm il-kawża u hemm l-effett. Nistgħu nużaw bosta eżempji mill-ħajja ta' kuljum. Minn din l-idea ta' kawża u effett nistgħu noħolqu logħba. Imma rridu ngħaddu ħin mat-tfal. Jeħtieġ li nkellmuhom u noħolqulhom opportunitajiet biex, ngħidu aħna, ikantaw u jirreċtaw, kif ukoll opportunitajiet biex jilagħbu b'xi ittri tal-alfabett u numri, jew opportunitajiet biex isiru midħla ta' kotba u kif dawn huma pprintjati u mhux miktubin bl-idejn.

## (5) Toddlers ta' bejn is-sentejn u t-tliet snin

*

**Se nitkellmu fuq tfal ta' bejn is-sentejn u t-tliet snin. Hemm xi stampa ġenerali ta' tfal ta' din l-età?**

Dan huwa żmien meta t-tfal isiru aktar konxji ta' nies oħra, aktar konxji ta' dak

li jħossu u jaħsbu. Ikollhom *temper tantrums*, ikunu kapaċi jiġru, jaqbżu, jogħlew, jitgerbu, jitilgħu ma' affarijiet u jċaqalqu partijiet differenti ta' ġisimhom. Il-vokabolarju jiżdied għal xi elf kelma, ikunu kapaċi jagħmlu sentenzi ta' tnejn, tlieta u anke erba' kelmiet, ikollhom stejjer u kotba favoriti li jieħdu pjaċir jisimgħu, jibdew jgħoddu, jagħtu kas tal-print (pereżempju l-ittri li jiffurmaw isem it-tifel jew tifla), jibdew jagħmlu differenza bejn kitba u tpinġija, jibdew iħażżu u jagħmlu sinjali li jixbħu l-ittri tal-alfabett. Imma noqogħdu attenti. Qegħdin nitkellmu b'mod ġenerali. Kull tifel u kull tifla għandhom il-pass u l-mod tagħhom ta' żvilupp. Jiġifieri ma rridux norbtu rasna qabel naqsmuha. Però jekk ninnutaw affarijiet li jħassbuna, għandna nitolbu parir minn espert. Ngħidu aħna tinnota li t-tifel ta' sentejn u fuqhom għadu mhux jitkellem, sentenzi xejn. Jista' jkun il-każ li tkellem lit-tabib ħalli jirreferik biex isiru xi testijiet fosthom xi test ta' smigħ.



## * Mela kemm hu importanti l-iżvilupp tal-lingwa?

Huwa importanti ħafna u għalhekk, kif diġà għidt, għandna nkellmuhom kemm nistgħu, naqrawlhom, inkantaw magħhom, nirreċtaw u nużaw il-lingwa b'kull mod possibbli. Tajjeb li ndarruhom jisimgħu u jinnutaw ħsejjes differenti, anke ħsejjes li nsibu fl-ambjent ta' madwarna u ħsejjes ta' ġod-dar. Nagħtu importanza lill-kanzunetti u *n-nursery rhymes*. Logħba sabiħa tkun li aħna flimkien mat-tifel nimitaw ħsejjes li jagħmlu annimali partikolari - il-kelb, il-qattus, il-mogħża, il-baqra, u l-għasfur. Imma jeħtieg li t-tfal ikollhom l-esperjenza li jisimgħu dawn l-annimali







ta' veru. Għalhekk tiswa xi żjara ġo razzett fejn it-tifel jara baqra, mogħża, nagħġa, dundjan, tiġieġa u annimali oħra. Jista' jgħin ukoll it-televixin. Tagħżel xi programm partikolari li fih jidhru annimali, anke dawk li ma nsibux f'Malta. Tajjeb li aħna flimkien mat-tifla nimitaw il-ħsejjes li jagħmlu dawn l-annimali. Logħba sabiħa tkun li jkollna rekording ta' ħsejjes (kelb jinbaħ, qniepen idoqqu, xita qawwija, bieb iżaqżaq, startjatura ta' karozza jew mutur, tarbija twerżaq). Nisimgħu l-ħoss u t-tifla tgħidlek x'inhu. Imbagħad ikun imiss lilek li taqta' l-ħoss x'inhu.



## * Jiġifieri lit-tfal għandna nagħtuhom ħafna esperjenzi kif ukoll għandna noqogħdu kemm jista' jkun magħhom?

Hekk hu. Meta noqogħdu magħhom inkunu qed nuruhom li huma importanti. Huma



jieħdu pjaċir u aħna nkunu qed ngħollulhom is-*self-esteem* tagħhom. Għalhekk għandna dejjem infaħħruhom. Meta jagħmlu xi ħaġa ħażina nuruhom, imma nuruhom ukoll li xorta waħda għadna nħobbuhom. Dwar li noqogħdu kemm jista' jkun magħhom, irridu ngħidu li hemm mumenti meta għandna nħallu t-tfal jilagħbu weħidhom. Anke jaqraw weħidhom. It-tfal għandhom ħabta jimmaġinaw u jivvintaw logħob huma stess. Għalhekk ma niffittawhomx u nagħtuhom dan iċ-ċans.



Ngħidu wkoll li tfal ta' din l-età jkunu jridu ċerta indipendenza u jieħdu pjaċir anke jilbsu u jinżgħu weħidhom. Dan jgħinhom biex jużaw idejhom u s-swaba' u għalhekk jagħmlu progress f'dik li hi koordinazzjoni. Ikomplu wkoll jiżviluppaw il-muskoli ta' jdejhom u tas-swaba'. Biex ikomplu jagħmlu dan għandna nħalluhom jużaw il-*crayons*, jagħmlu *jigsaw puzzles* u jdaħħlu żibeġ fi spaga (mhux weħidhom minħabba l-periklu li jdaħħlu xi żibġa f'imnieħirhom jew f'widnejhom). Għandna wkoll noħolqulhom okkażjonijiet biex jilagħbu ma' tfal oħra u jsaħħu ħiliet soċjali, bħal jaqsmu ma' ħaddieħor u xi kultant iċedu. Iva, għandna noħolqu esperjenzi varji lit-tfal. Tajjeb li noħduhom f'postijiet differenti bħal ġonna, ħdejn il-baħar, f'xi jott marina, f'xi librerija, fi ħwienet, restoranti, u f'postijiet fejn jaraw annimali. Noħduhom ukoll mixjiet fil-kampanja.

## (6) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

*** Ejja nkomplu nitkellmu dwar toddlers ta' bejn is-sentejn u t-tliet snin. Semmejna l-kampanja. Kemm huwa meħtieġ li lit-tfal żgħar nagħmluhom konxji tal-ambjent, kemm dak tal-kampanja kif ukoll tal-ibliet?**



Iva, dan huwa meħtieġ għax l-ambjent għandu jkun fuq quddiem tal-aġenda tagħna. L-ewwelnett x'inhu l-ambjent? Huwa dak kollu li għandna madwarna u jinkludi l-ibliet u l-irħula. Lit-tfal irridu ngħallmuhom bl-eżempju tagħna. Inkunu fil-kampanja u nieħdu gost

naraw is-siġar u l-fjuri mingħajr ma naqtgħuhom. Napprezzaw l-għasafar u l-għana tagħhom. Naraw iż-żrinġijiet f’xi għadira u nieħdu pjaċir inħarsu lejhom bla ma naqbduhom. Jista’ jkun ikollna wkoll iċ-ċans nuruhom xi qawsalla.





* **Forsi l-kameras diġitali jistgħu jgħinu biex inżommu tifkira?**

Żgur li iva. Minflok naqtgħu fjura noħdulha ritratt u nkunu nistgħu narawh fuq il-kompjuter kull meta rridu. Lit-tfal irridu ndarruhom japprezzaw dak li hu sabiħ bla ma jagħmluh tagħhom.

Hemm aspetti oħra tal-ambjent li għandna nagħtu kashom. Indarru lit-tfal, ngħidu aħna, jgħattu ħalqhom meta tgħaddi xi karozza li tibda tarmi ħafna *exhaust*. L-idea ta’ *Health and Safety* trid tibda miċ-ċokon. Allura anke x’nieklu. Pereżempju ċikkulata. Nikluha, imma bil-moderazzjoni, ngħidu aħna bħala deżerta. Indarru lit-tfal jieklu frott u ħaxix. Noqogħdu wkoll attenti li nwarrbulhom il-periklu, bħal mediċini li żgur m’għandniex inħalluhom jiġru fejn ġie ġie. It-tfal jistgħu jikluhom bħallikieku ħelu.

* **Niġu issa għal xi ħaġa oħra. Naraw bosta tfal żgħar fis-*supermarkets* mal-ġenituri. Nistgħu żjara bħal din indawruha f’waħda edukattiva u ta’ pjaċir?**



Iva nistgħu. Ejja nieħdu eżempju. Tieħdu lit-tifla fis-*supermarket*. Tpoġġuha fuq il-*carrier* tħares lejkom. Agħżlu jum meta ma jkunx hemm ħafna nies u meta ma tkunux mgħaġġlin. Ibdew mixjin u, ngħidu aħna, tagħtu ċ-ċans lit-tifla tmiss il-kartuna kiesħa tal-ħalib, tinnota l-kulur *orange* tal-laringa, il-ħmura tat-tuffieħa, id-differenza bejn il-qoxra tiżloq tat-tuffieħa u l-qoxra mqabbża tal-laringa, tħoss il-kesħa meta tgħaddi minn ħdejn il-*freezers*, turuha l-pakketti differenti taċ-ċereali (pakkett kbir, ieħor iżgħar), tinnota l-ħoss meta ċċaqlaq il-pakkett, turuha ħaxix differenti, u turuha li se tixtru dak li għandkom fuq il-lista, jiġifieri dak li għandkom bżonn. It-tifla tinnota l-kulur *orange* tal-qargħa ħamra li jixbaħ lil tal-laringa. Dawn huma esperjenzi li minnhom it-tfal

jitgħallmu ħafna. Il-ġenituri juru prodotti lit-tifel u jsemmuhom b'isimhom, ngħidu aħna, bott piżelli. Imbagħad it-tifel jara l-prodott id-dar u jinduna li hu l-istess. It-tifla tara l-kaxxiera u tinnota x'inhi tagħmel, tagħti kas il-*bar code* u tħares kif joħroġ il-kont. Tara lill-ġenituri jħallsu *cash*, b'ċekk jew bil-*card*. Tara l-lista twila meta x-xirja tkun ta' ħafna prodotti u lista iqsar meta tixtru anqas prodotti. Qabel titilqu mis-*supermarket* għandkom tħajru lit-tifla ssellem lill-kaxxier.
Araw li din tkun esperjenza ta' gost għat-tifel jew għat-tifla. Għalhekk, jekk waqt li tkunu fis-*supermarket* taraw l-entużjażmu jonqos, aqtgħu x-xirja fil-qasir.

* **Taħseb li żjara għand tal-ħut, tal-ħwejjeġ, taż-żraben u fi ħwienet oħra għandha tħalli effett pożittiv fuq it-tfal?**

Iva, kull esperjenza ġdida tħalli effett pożittiv. Dejjem ħalli lit-tifla tara, u jekk jista' jkun tmiss, iżżomm, tinnota t-toqol, il-kobor, il-qisien differenti taż-żraben u affarijiet bħal dawn. Ara wkoll li ma ddumx fil-post. Niftakru li l-ħin ta' attenzjoni ta' dawn it-tfal żgħar huwa ta' ftit minuti. Għalhekk oqgħod attent li ma tispiċċax f'esperjenza monotona.

* **Hemm xi attivitajiet oħra li nistgħu nagħmlu mat-tfal f'din l-età?**

Hemm ħafna. Ngħidu aħna tilgħab mat-tfal bil-*puppets*. Tbiddel leħnek u hekk il-*puppet* ikellem lit-tifel/tifla u jidħol f'konverżazzjoni.





Attività oħra tista' tkun li toħloq stejjer u ddaħħal fost il-karattri isem it-tifla jew it-tifel. Oħloq sitwazzjonijiet li t-tifla hija midħla tagħhom, ngħidu aħna tkun mort il-ġnien ta' Sant'Anton u hemm rajt il-papri u l-pjanti. Fl-istorja tgħid li kien hemm tifla jisimha Francesca (l-istess isem tat-tifla tiegħek) u marret ma' ommha fil-ġnien ta' Sant'Anton.

Imbagħad kompli semmi dak li rajtu u għamiltu meta mortu fil-ġnien. Ħajjar lit-tifla tgħid storja hija wkoll u ħalliha timmaġina. Li timmaġina hija ħila li trid tiġi żviluppata.

* **Nistgħu nagħmlu użu tad-drama ma' dawn it-tfal?**

Iva, anzi jiena nsostni kemm din hija meħtieġa. Tkun idea sabiħa kieku nsibu rokna fid-dar u noħolqu bħal palk żgħir bil-purtiera li tiġri. Tfal u pupi jkunu l-udjenza. It-tifla tista' llum tkun parti mill-udjenza u għada titħajjar titla' fuq il-palk u, ngħidu aħna, tgħid storja qasira, jew tkanta, jew tgħid xi *nursery rhyme*. Bil-palk nistgħu ngħallmu bosta ħiliet, innaqqsu l-mistħija, ngħallmu lit-tfal jużaw leħinhom, tingħata importanza lill-*body language*, u ngħinuhom jilagħbuha ta' karattru ieħor, pereżempju huma kelb qiegħed jinbaħ.

## (7) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

* **Nissoktaw nitkellmu dwar toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin. Hemm xi attivitajiet partikolari li nistgħu nagħmlu magħhom?**

Dan huwa żmien meta t-tfal jieħdu pjaċir jaqbżu, jiġru u jesperimentaw bl-**ispazju**. Ngħidu aħna s-subien tarahom jimmaġinaw li huma xi karozza jew mutur.

* **Allura rridu noqogħdu attenti li ma nħallux affarijiet perikolużi fin-nofs?**

Iva, jista' jkun hemm ħafna perikli fid-dar. Il-kantunieri ta' xi mejda li jkunu bil-ponot, tapiti li jiżolqu, vażuni jew statwi u affarijiet oħra jistgħu jkunu l-kaġun li t-tfal iweġġgħu.
Bi tfal żgħar ma jistax ikun ikollna mużew aktar milli dar. Jista' jkun hemm il-bżonn li nwarrbu xi affarijiet.

* **Konna qed nitkellmu li t-tfal iħobbu jesperimentaw bl-ispazju. Tissuġġerixxi xi attività?**





Iva. Ipprovdilhom xi qoffa kbira jew kaxxa tal-kartun u tarahom jidħlu fiha, ipoġġu fiha xi ġugarell, xi pupu jew anke xi qattus u joħduh dawra mal-kamra jekk mhux



ukoll mad-dar. Għalhekk attenti jekk fid-dahar ikun hemm it-taraġ. Attenti wkoll jekk ikun hemm xi kelb. Ġraw każijiet fejn tifel jitla’ fuq dar il-kelb u dan jinżel it-taraġ bih. Jista’ wkoll jinqala’ l-każ li l-kelb jissalvaġġja u jweġġa’ lit-tifel. Niftakru li t-tfal għadhom żgħar wisq biex ikunu konxji mill-perikli kollha. L-aħjar li nevitaw il-periklu.



*** Sewwa qed tgħid, imma lit-tfal irridu nżommulhom id-dixxiplina, mhux hekk?**





Dażgur. Lit-tfal għandna nuruhom x’inhu permess u x’mhux. Nuruhom ukoll il-perikli. Hemm perikli li jifhmuhom, ngħidu aħna l-perikli tal-karozzi. Imma xorta waħda jeħtieġ nieħdu prekawzjonijiet. Ngħallmuhom, ngħidu aħna, li m’għandhomx jużaw l-imqass bil-ponta, imma xorta waħda m’għandniex inħalluh jiġri fejn ġie ġie.

*** Konna qed insemmu xi kaxxa kbira tal-kartun. Kif jistgħu t-tfal jilagħbu b’ħaġa bħal din?**



Jistgħu jidħlu fiha huma stess u jieħdu pjaċir li xi ħadd jimbuttahom jew jiġbidhom. Jistgħu jiftħuha u jużawha bħal mina (jieħdu pjaċir jgħaddu minn ġo fiha). Jew jużawha bħala kamp. Għal skop ta’ kamp tista’ tagħmlilhom liżar fuq mejda, idaħħlu ġugarelli magħhom, ikellmuhom u taparsi jagħtuhom jixorbu jew jieklu. L-idea tal-kamp tista’ tużaha biex tgħallem lit-tifel kliem bħal ‘waħdi’, ‘flimkien’, ‘għaddi’, ‘ġewwa’, ‘barra’, u oħrajn.

*** F’din l-età jkun wasal iż-żmien li ngħallmuhom vokabolarju li għandu x’jaqsam ma’ pożizzjonijiet bħal ‘fuq’ jew ‘taħt’?**

Dażgur, dan huwa kliem importanti… ‘ġo’, ‘fuq’, ‘isfel’, ‘taħt’, ‘ħdejn’, ‘bogħod’, ‘viċin’, ‘quddiem’, ‘wara’. Imma importanti li ngħallmuhomlhom bil-logħob.







Nużaw stampi u esperjenzi mill-ħajja ta' kuljum. "Il-ġugarelli qegħdin **fil-**kaxxa"; "L-għasfur qiegħed **fuq** is-siġra"; "Il-klieb qegħdin **ħdejn** xulxin". Nistgħu nużaw annimali tal-plastik u nagħmlu razzett. "Iż-żwiemel qegħdin **ħdejn** xulxin", "Il-kelb qiegħed jistrieħ **taħt** is-siġra", "Il-ħanżir mar **wara** l-kamra" … .
Dejjem għandna noħolqu logħob biex inkabbru l-vokabolarju tat-tfal: "kbir", "akbar", "żgħir", "iżgħar". L-istampi jistgħu jgħinuna ħafna imma jkun aktar effettiv kieku nagħmlu użu minn esperjenzi ta' veru, ngħidu aħna niġbdu l-attenzjoni tat-tifla għal xi għasfur fuq siġra.





* **Imma t-tfal ma jitgħallmux dawn l-affarijiet weħidhom bl-esperjenza?**

L-ewwel nett mhux it-tfal kollha jitgħallmu weħidhom, u t-tieni, huma x'inhuma t-tfal, jeħtieġ li noħolqulhom ambjent li jistimulahom biex huma jitgħallmu. Il-ġenituri ma jistgħux ifarfru minn fuq spallejhom din ir-responsabbiltà. Ma jistgħux jgħidu "Jilħqu jitgħallmu meta jmorru l-iskola."

## (8) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

* **Hawn se nkomplu nitkellmu dwar toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin. Meta tkellimna dwar toddlers ta' bejn is-sena u s-sentejn konna semmejna tagħlim taħt forma ta' logħob li għandu x'jaqsam mas-sensi. Issa t-tfal ikunu kibru aktar. Nistgħu nkomplu ngħallmu u nassessjaw dan il-qasam?**

Iva, dan huwa qasam importanti għax lit-tfal jeħtieġ ngħallmuhom ħiliet differenti. Ejja nieħdu s-sens tal-**ħars**.

* **It-tfal jitgħallmu ħafna billi jaraw. Mhux hekk?**

Hekk hu. Dan is-sens jiġi żviluppat aktar jekk aħna nidraw ninnutaw jew nosservaw. Tajjeb li lit-tfal nuruhom stampi u nitkellmu magħhom dwarhom, pereżempju dwar il-kuluri li hemm fl-istampa, u dwar in-nies jew annimali. Inħajru lit-tfal josservaw id-dettalji. Ngħidu lit-tifla: "Ara dan il-kelb kemm għandu denbu twil", jew "Ara din il-fjura kemm għandha kuluri! Ħa naraw x'kuluri għandha …", jew "Ara ż-żebra kemm għandha strixxi".







Flok stampi nistgħu nużaw ukoll oġġetti ta' veru.
Nistgħu ninnutaw ukoll il-kuluri tal-ilbies.

* **X'nistgħu ngħidu dwar is-sens tax-xamm li mhux dejjem nagħtu kasu biżżejjed?**

Huwa sens meħtieġ li anke tfal ta' din l-età għandhom jiżviluppaw. Ngħidu aħna tagħtihom ixommu likwidi bħal ilma (li m'għandu l-ebda riħa), luminata, ħalib, larinġa, xi ħwawar bħal nagħniegħ, estratti tal-ikel bħal vanilla, lumi, eċċ. Jekk it-tifel jieħu pjaċir, għattilu għajnejh, agħtih ixomm xi ħaġa, u hu jaqta' x'inhu l-oġġett. Ibda b'xi ħaġa komuni li t-tifel midħla tagħha, ngħidu aħna, larinġa. Dan importanti ħalli tagħmillu l-qalb u jieħu pjaċir jagħti risposta tajba. Faħħru kull darba li jkollu risposta tajba. Agħmilha bħala logħba u għalhekk inti stess għatti għajnejk ħalli t-tifla tistaqsi lilek.

* **U dwar is-sens tat-togħma, tal-ħass u tas-smigħ. X'nistgħu nagħmlu?**



Bħal ma diġà spjegajt jeħtieġ li niżviluppaw dawn is-sensi permezz tal-logħob kif ukoll bl-eżempju. Ngħidu aħna, xtrajt it-tuffieħ. Ixxommu u tgħid: "Kemm ifuħ dan it-tuffieħ". Kif jgħid il-Malti: sib ix-xoqqa f'moxtha. It-tifla timitak u xxomm it-tuffieħ hija wkoll. Ħajjarha xxomm ukoll frott ieħor.



* **Hemm xi perikli li rridu nżommu quddiem għajnejna meta nagħmlu dan il-logħob li għandu x'jaqsam mas-sensi?**



Irridu noqogħdu attenti li ma jmurx it-tifel ifettillu jxomm xi likwidu aċiduż, jew itiegħem xi pitrolju jew xi ħaġa oħra perikoluża. Irridu noqogħdu b'seba' għajnejn li t-tfal ma jkollhomx aċċess għal dawn l-affarijiet. Jeħtieġ ukoll li ngħallmuhom bil-perikli li jeżistu fid-dar bħal ma huma *sockets* tal-elettriku. Imma, nerġa' ngħid, li ngħallmuhom mhux biżżejjed. Jeħtieġ nieħdu l-prekawzjonijiet kollha.

## (9) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

* **Ejja nkomplu nitkellmu fuq tfal ta' bejn is-sentejn u t-tliet snin. Spiċċajna nitkellmu fuq ċerti perikli li nsibu fid-dar. Daż-żmien sirna nitkellmu fuq dak li bl-Ingliż insejħulu *noise pollution*. Dan kif jista' jolqot lil tfal tal-età li qed nitkellmu fuqha?**

Ħsejjes qawwija jagħmlu ħsara lis-smigħ. Għalhekk nevitaw, ngħidu aħna, mużika

qawwija ħafna. Indarru lit-tfal iżommu l-volum baxx, pereżempju meta jkunu qed jaraw xi programm fuq it-televixin. Indarruhom ukoll li meta jitkellmu m'għandhomx għalfejn jgħajtu. Jersqu viċin il-persuna u mhux, ngħidu aħna, jitkellmu minn isfel għal fuq.



La qed nitkellmu fuq il-ħsejjes tajjeb ngħidu li għandna nagħmluhom konxji ta' ħsejjes differenti. Dan nagħmluh bil-logħob. Agħmel użu minn mgħarfa tal-injam tal-kċina. It-tifla tinnota l-ħsejjes differenti meta tħabbat biha fuq kazzola, fuq bieb tal-*aluminium*, jew fuq oġġett tal-plastik. It-tifla tinnota wkoll il-ħoss tal-qanpiena tal-bieb ta' barra, ta' trumbetta jew ta' drums, u l-ħoss li tagħmel il-favetta ġo bott tal-landa. Ħalli lit-tifel jesperimenta, jinnota u jitgħallem, daqqa waħdu u drabi oħra miegħek. Agħmel lit-tifla konxja wkoll ta' ħsejjes li tista' tagħmel hi stess: iċċapċap, tidħak, tiħħammja, u tonfoħ minn ġo roll tat-*toilet paper* jew minn *kitchen roll.* Forsi wkoll tasal li ssaffar xi ftit. Kif diġà għedna qabel, nistgħu nilagħbu mat-tfal billi nirrekordjaw ħsejjes differenti u flimkien naqtgħu x'inhuma. Ftakar ukoll kemm it-tifla jew tifel jieħdu pjaċir jisimgħu lilhom infushom fuq *recording.* Fuq il-ħin li ngħaddu mat-tfal niftakru ħaġa. Dan huwa investiment. Inkunu qed nibnu relazzjoni soda magħhom, inkunu qed nuruhom li huma importanti, li aħna nħobbuhom u fl-istess ħin inkunu qed ngħinuhom f'aspetti differenti tal-iżvilupp tagħhom.







***** **Qed issemmi aspetti differenti tal-iżvilupp. X'nistgħu nagħmlu biex ngħinuhom f'dik li hi koordinazzjoni?**





Nistgħu nilagħbu noli, nistgħu nagħmlu qoffa jew *container* tal-plastik u minn xi metru bogħod it-tifla titfa' blalen għal ġol-basket. It-tifla tista' tiżfen mal-mużika, iċċapċap, ixxejjer, taqbeż, iddur, tiżżegleg, titmattar, timxi bil-mod, timxi mgħaġġel, tiġri u tgħolli jdejha u saqajha. Tista' wkoll taqbeż oġġetti li jkun hemm fl-art (pereżempju xi tapit dejjaq), titfa' ballun, tagħti daqqa ta' sieq lill-ballun, tilqa' ballun, u timxi fuq linja mserrpa mmarkata fl-art (ngħidu aħna bil-ġibs fuq il-bejt). Tista' wkoll toqgħod quddiemek u timitak fil-mossi li tagħmel int, pereżempju, tgħolli jdejk jew tmiss imnieħrek.



Tajjeb ukoll li nagħmlu xi logħob biex nikkoordinaw is-smigħ mal-azzjoni. Pereżempju t-tifel jitlaq jiġri meta jisma' l-kelma *go*. Il-kanzunetta *If you're happy and you know it…* tgħin ħafna f'dan l-aspett ta' koordinazzjoni.

* **Jiġifieri l-kant jista' jgħin fl-iżvilupp tat-tfal?**



Iva, nagħmlu tajjeb li nħajru lit-tfal ikantaw, mhux jgħajtu u jwerżqu. Ngħallmuhom *nursery rhymes* popolari u nkantawhom magħhom. Ngħallmuhom ukoll kanzunetti u niżfnu mal-mużika. Nistgħu nġibulhom tfal id-dar u niżfnu flimkien. Dan jgħin mhux biss fl-iżvilupp fiżiku imma wkoll f'dak soċjali u emozzjonali.

## (10) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

* **Nistgħu nitkellmu ftit fuq l-iżvilupp ta' xi ħiliet fil-qasam intellettwali ta' toddlers ta' bejn is-sentejn u t-tliet snin?**








Dan huwa qasam importanti daqs l-oħrajn. Aktar qabel semmejna l-akkwist tal-ħila tal-kawża u effett (tgħolli ħafna bil-blokks u jaqa' kollox, tagħmel il-kolla fuq karta u twaħħal l-istampa, tiġri ġirja u taqta' nifsek). Ġieli semmejna wkoll il-ħila li tosserva (il-kuluri sbieħ ta' xi stampa, l-istrixxi taż-żebra, il-mudell ta' karozza). Il-ħila li tosserva twassal lit-tifel biex jibda jara ċerti similaritajiet: il-karozza taz-ziju hija ħadra bħal tad-*daddy*, oħti għandha xagħarha bin-nokkli bħal tal-*mummy*, għandi żewġ blalen ħomor, it-trabi fl-istampa huma t-tlieta reqdin … .

* **Allura huma kapaċi wkoll jaraw xi differenzi?**



Hekk hu. It-tifla tibda tara wkoll id-differenzi bejn oġġetti: (ktieb kbir u ktieb żgħir, ballun aħmar u ballun isfar, pupa b'għajnejha magħluqin u pupa b'għajnejha miftuħin).
Biż-żmien it-tifel jibda jinduna li żewġ oġġetti jista' jkollhom affarijiet l-istess u oħrajn differenti, ngħidu aħna żewġ blalen li huma t-tnejn ħomor imma huma differenti fid-daqs.
Meta nilagħbu b'dak li hu bħal xulxin u b'dak li hu differenti għandna nkabbru kemm jista' jkun l-esperjenzi tat-tfal. Ngħidu aħna noħolqu logħob li għandu x'jaqsam mat-temperaturi. It-tifel idaħħal idu fl-ilma kiesaħ u idu oħra fl-ilma sħun u jħoss id-differenza, jew nagħtuh bajda kiesħa mill-friġġ u bajda sħuna wara li ngħalluha.



Tajjeb ukoll nuru lit-tifla kif l-istess oġġett jista' jibdel id-dehra tiegħu. Il-pupa li semmejna, daqqa tkun b'għajnejha magħluqin u drabi oħra b'għajnejha miftuħin.

* **Aktar 'il fuq semmejt it-temperatura. Kif tista' tintuża biex nuru li l-istess oġġett ibiddel id-dehra tiegħu b'riżultat ta' bdil fit-temperatura?**



Ngħidu aħna jkun is-sajf, naqbdu silġa u nħalluha fix-xemx u f'ħin qasir narawha tinħall l-istess bħal ma jiġrilu l-ġelat. Tkun qed tbiddel id-dehra tagħha. Inkunu fil-kċina u noħorgu l-marġerina mill-friġġ. Il-marġerina tkun magħquda. Inpoġġu ftit fit-taġen fuq in-nar u narawha tinħall. Tkun qed tbiddel id-dehra tagħha. Bil-mod il-mod it-tifla tinduna li d-dehra tinbidel minħabba t-temperatura. Inpoġġu ftit ilma fil-*freezer* u ma jdumx ma jsir silġa. Inħallu biċċa ċikkulata fix-xemx u narawha tirtab. Imbagħad inpoġġuha fil-*freezer*, wara ftit noħorġuha u nerġgħu nħossuha iebsa.



* **Hemm xi ħiliet oħra li nistgħu nsemmu?**

Hemm ħafna ħiliet imma rridu noqogħdu attenti kif nippreżentawhom. Ejja nsemmu l-ħila li nsibuha bħala *Sequencing*, jiġifieri li tagħmel affarijiet jew azzjonijiet wara xulxin kif suppost. Nistgħu nibdew b'affarijiet ta' kuljum u prattiċi ħafna. Nuru lit-tifel li l-ewwel tilbes il-kalzetti u mbagħad iż-żarbun. Nidħku meta biċ-ċajt nilbsu ż-żarbun imbagħad il-kalzetti. Importanti li tkellem lit-tifla, ngħidu aħna meta tiġi biex taħsel snienha. Tfissrilha x'inti tagħmel waqt li qed tagħmel l-azzjoni. "Noħorġu t-*toothpaste* u noħorġu t-*toothbrush* minn posthom. Nifthu t-*toothpaste* u nagħfsuh ħalli joħroġ fuq it-*toothbrush*. Issa nnaddfu snienna. Inlaħalħu ħalqna u nobżqu fis-sink. Nerġgħu nlaħalħu għat-tieni darba. Issa nlaħalħu t-*toothbrush* u nixxuttawha. Nagħlqu l-*toothpaste* u npoġġu l-*toothbrush* u t-*toothpaste* lura f'posthom."



* **Nistgħu nużaw dan il-proċess għal okkażjonijiet oħra?**

Iva, ngħidu aħna meta niġu biex ninħaslu, jew biex nilbsu, jew waqt it-tisjir. Biex ngħallmu din il-ħila nistgħu nużaw ukoll stampi. Pereżempju żewġ stampi: tifel qed jinħasel u l-istess tifel qed jilbes. X'jiġi l-ewwel? Tifla qed tibni bil-blokks u l-istess tifla ħdejn torri mibni u lest. Liema stampa tiġi l-ewwel? Humpty Dumpty fuq iċ-ċint u Humpty Dumpty waqa' għal isfel. Liema stampa tiġi l-ewwel? Ħaġa minn awl id-dinja li n-numri ta' stampi jiżdied aktar ma t-tfal jikbru u jiżviluppaw.









* **Jiġifieri meta niġu għall-ħiliet, mhux każ li tgħallimhom ħila, hekk, f'darba? Huwa proċess, mhux hekk?**

Dażgur. L-istess ħiliet trid dejjem tirrepetihom u żżid fid-doża skont l-iżvilupp tat-tifel. Imxi bil-pass tiegħu. La żżommu lura u lanqas tgħaġġlu. Kull sfida jrid ikun jiflaħ għaliha, għax inkella jaqta' qalbu u jaħseb li mhux kapaċi. Aħna rriduh jaħseb bil-maqlub, jiġifieri li hu kapaċi. Allura nilagħbu miegħu b'mod li hu jħossu kapaċi u għalhekk jirnexxi u jimmotiva ruħu. Għax ikun immotivat jagħmel sforz akbar u għalhekk ikollu suċċess akbar. B'dan il-mod jieħu pjaċir.

## (11) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

* **Issib ġenituri li jagħmlu għaġina tal-logħob, dik li bl-Ingliż insejħulha *play dough* u li biha t-tfal jistgħu jagħmlu ħafna affarijiet. Kif jista' wieħed jagħmilha?**





L-ewwel ħaġa nixtieq ngħid kemm ikun interessanti kieku tfiehem lit-tfal x'se tagħmel u għalfejn; tixtri l-affarijiet li tinħtieġ meta tkun magħhom u tagħmilha wkoll flimkien magħhom.

* **Allura x'ingredjenti għandna bżonn biex nagħmlu l-għaġina?**





Għandna bżonn:

Żewġ kikkri dqiq
Kikkra melħ
Erba' kuċċarini *cream of tartar*
Żewġ kikkri ilma
Żewġ imgħaref żejt tal-ikel
Kulur tal-ikel *(Food colouring)*
Estratti tal-ikel *(Food Extracts)* bħal lewż, lumi, *peppermint* jew vanilla

* **U kif tagħmilha l-għaġina?**



Ħallat l-ewwel ħames ingredjenti ġo tagħġen.
Poġġi fuq in-nar u ħawwad sakemm it-taħlita ssir bħal ballun artab.
Ħalliha tiksaħ.
Ħaddimha ftit.
Ifridha f'porzjonijiet differenti.
Żid estratt tal-ikel u kulur differenti mal-porzjonijiet differenti. Hekk ikollok biċċiet ta' għaġina kull waħda b'riħa u lewn partikolari.

## * X’sehem għandhom it-tfal fit-tħejjija tal-għaġina?



Kif diġà għedt, ikun mezz ta’ tagħlim kbir għat-tfal kieku tipprepara l-għaġina magħhom. Mhux biss tgħidilhom x’inti tagħmel imma tgħinhom jippreparaw, ikejlu, iżidu l-ingredjenti u jħawdu. It-tfal iħossuhom importanti u kapaċi. Fissrilhom kull pass li tkunu qed tagħmlu flimkien. Minħabba s-sehem attiv tat-tfal, tajjeb li tuża kikkri tal-plastik.

Ħalli lit-tfal imissu l-għaġina meta din tkun għadha ftit sħuna u mbagħad meta tiksaħ. Din tkun esperjenza diretta ta’ temperaturi differenti. Jindunaw li l-oġġett jiksaħ aktar ma jgħaddi l-ħin.

## * X’logħob jista’ jsir bl-għaġina?





Agħti l-għaġina lit-tifel u ħallih idaħħal subgħajh fiha, jgħaffiġha, jaqbadha b’idu u jħossha għaddejja minn bejn subgħajh l-istess bħal ma jista’ jagħmel bit-tafal. Idaħħal xi lapes u affarijiet oħra ħalli jqabbel l-oġġett mal-forma li dan iħalli fl-għaġina. Idaħħal ukoll *shapes* differenti bħal ċirku u kwadru. Kellmu waqt li qed tagħmlu dan flimkien. Agħmillu wiċċ f’biċċiet ta’ għaġina. Kellmu u għidlu “ejja nagħmlu l-għajnejn, u issa nagħmlu l-imnieħer… . Fejn se nagħmlu l-imnieħer?” Kompli sejjer hekk bla għaġla, bil-paċenzja u b’entużjażmu. Int trid turih li qed tieħu pjaċir tilgħab miegħu.



Ħallih ukoll jesplora. Agħmlu blalen żgħar bl-għaġina. Ilagħbu billi tpoġġuhom fuq xulxin; forsi tużaw kuluri differenti. Imbagħad għodduhom, “Wieħed, tnejn, tlieta.”



Tistgħu tagħmlu wkoll xi oġġett li t-tifla tkun trid tagħmel. Ngħidu aħna forma ta’ tifla jew xi figura sempliċi ta’ xi annimal.



Mitt elf ħaġa tista’ tagħmel u ftakar kemm it-tfal jieħdu pjaċir jilagħbu mal-ġenituri. Ħajjar ukoll lit-tifel jew tifla jilagħbu ma’ tfal oħra, jitgħallmu minn xulxin u jieħdu pjaċir.

## (12) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)



* **Drabi oħra semmejna l-qari. Kemm huwa meħtieġ il-qari f'din l-età?**

Il-qari huwa attività ta' importanza kbira u dan nibdew nagħmluh minn mindu t-tfal ikunu għadhom trabi, anzi minn mindu jitwieldu jekk mhux minn qabel ukoll.

* **Taħseb li hi idea tajba li tagħmel il-qari rutina ta' kuljum bħall-ikel u l-ħasil?**



Iva, naqbel ħafna miegħek. Ħares lejn il-qari bħala bżonn. Aqra lit-tarbija f'diversi ħinijiet tal-ġurnata u għinha tassoċja l-qari mal-komfort billi żżommha fuqek tħares lejn l-istampi.

* **Naħseb li bħala ħin qegħdin nitkellmu fuq tul ta' ftit minuti, hux hekk?**

Iva, fil-bidu aqra għal ftit minuti biss. Imbagħad żid fil-ħin. Ara li kemm int kif ukoll it-tifel jew tifla tieħdu pjaċir bil-qari.

* **Hemm xi kotba partikolari li għandna nagħżlu?**



Agħżel kotba tat-tfal b'folji ħoxnin u stampi kbar. Illum hawn kotba tal-plastik u li jkollhom ftit paġni.

Kellem lit-tifel fuq l-istampi. Ħallih imiss il-ktieb; urih ukoll kif iqalleb il-paġni.



* **Għandna nħallu dawn il-kotba fejn it-tfal jarawhom?**



Għaliex le. Nistgħu npoġġuhom fuq xkaffa fil-baxx jew ġo xi basket. Ħalli lit-tifla tmiss il-kotba u tqalleb fihom. Bil-mod tibda tidra anke ddawwar il-paġni. Tfal akbar fl-età jistgħu jaraw il-kotba ma' tfal iżgħar. Dan iservi ta' ġid għat-tnejn. Ħajjar ukoll lit-tfal juru l-ktieb lil xi pupa jew pupu favorit.



* **Taħseb li jkun għadu kmieni li turi lit-tfal xi ittra tal-alfabett jew forsi xi kelma partikolari?**

Ma' tfal li qorbu t-tliet snin tista' tieqaf fuq xi ittra jew, iktar u iktar, fuq xi kelma li jkun hemm stampa taqbel magħha. Aqra l-kelma u uri l-istampa li qed tirrappreżenta. Dan ikun taħriġ għal meta t-tfal jibdew jaqraw. Bl-Ingliż ngħidulu *pre-reading*. Kultant ieqaf mill-qari u tkellem fuq l-istorja u fuq l-istampi. Ħajjar lit-tfal jistaqsu mistoqsijiet u staqsihom mistoqsijiet inti stess.

* **It-tfal għandhom ħabta jkunu jriduk taqralhom l-istess kotba għax ikunu l-favoriti tagħhom. X'tagħmel f'dan il-każ?**

Aqralhom għal kemm hemm bżonn il-kotba favoriti tagħhom. L-importanti li t-tifel isir iħobb il-kotba. Ipprova aqralu dawk li jissejħu '*predictable books*.' Dawn ikunu kotba li jagħtu ċans lit-tifel jinduna x'ġej jew x'imiss. Ikun hemm kliem repetut li t-tifel jidrahom u jibda jgħidhom waħdu x'ħin jasal il-waqt. Dawn jistgħu jkunu ismijiet ta' nies jew annimali jew kuluri. Pereżempju, "Darba waħda kien hemm tifel jismu Ġanni u dan ... (Ġanni) … ."



* **Naħseb li m'għandniex għalfejn ngħidu li għandek taqra bis-sens u tidħol fl-atmosfera. Kemm hu meħtieġ li tagħmel dan?**



Meħtieġ ħafna għax ma tistax tidħol fl-atmosfera bla ma taqra bis-sens. Allura trid tiddramatizza waqt li qed taqra. Tbiddel leħnek skont il-karattri u tagħti importanza lill-espressjonijiet tal-wiċċ u lill-ġesti.



* **Kemm hi idea tajba li noħolqu kotba aħna stess?**



Jiena nqisha idea tajba ħafna. Toħloq stejjer b'nies li t-tifla hija midħla tagħhom. Tuża ismijiet ta' nies li hi tafhom. Iddaħħal esperjenzi li t-tifel ikun għadda minnhom.
Ngħidu aħna storja fuq meta mortu fil-kampanja u rajtu bebbuxu jitkaxkar. Forsi kontu ħadtulu ritratt bil-kamera diġitali. Jiġifieri tista' żżejjen l-istorja b'ritratti li tkunu ħadtu intom stess jew bi stampi li taqta' minn xi rivisti.

Ħaġa tal-aħħar: Dan li qed ngħid jgħodd għall-omm kif ukoll għall-missier.

# (13) Toddlers ta' bejn sentejn u tliet snin (ikompli)

* **Tkellimna fuq il-qari ma' toddlers ta' bejn is-sentejn u t-tliet snin. Ejja nkomplu ftit fuq l-istess suġġett. X'sens jagħmel li fid-dar ikun hemm dizzjunarju bl-istampi?**

Dażgur li jagħmel sens. Ibda daħħal l-idea li nfittxu fid-dizzjunarju. Inqabblu l-kelma mal-istampa. Forsi wkoll infittxu fl-internet. Imma ma niqafx nisħaq li dan kollu jrid isir bħallikieku logħba. Ara li ma mmorrux inġibu ruħna mat-tfal bħallikieku qed nagħmlulhom xi lezzjoni formali. Kollox irid isir għax qed nieħdu gost.







* **Lil tfal ta' din l-età għandna nagħtuhom lapsijiet u karti?**



Iva, għandna nagħtuhom lapsijiet, *crayons* u karti ħalli jpinġu u jħażżu. Irridu niftakru li hemm proċess sħiħ li t-tfal iridu jgħaddu minnu qabel huma jibdew jaqraw u aktar tard jiktbu.





* **Kemm huwa importanti li fejn jidħol il-qari nagħtu eżempju lit-tfal aħna stess?**

Hekk għandna nagħmlu. Agħmel żjarat regolari lil-librerija u agħmel *card* lit-tifel u lit-tifla minn kmieni kemm jista' jkun. Agħti eżempju billi taqra inti stess. Jarak taqra u hekk ikun irid isir bħalek. U ftakar li tista' taqra kullimkien. Kultant int aqra l-ktieb tiegħek u t-tifla tagħha bil-mod kif tifhem. Agħti dejjem il-messaġġ li għalik il-qari huwa importanti u ta' gost.



* **X'periklu hemm li t-televixin jew id-DVD jeqred il-qari?**



Jista' jiġri hekk u jista' le. Jiddependi minn kemm it-tifla tgħaddi ħin quddiem it-televixin, xi programmi tara u jekk tkunx weħidha jew toqgħodx magħha int biex, jekk hemm bżonn, titkellmu fuq dak li qed taraw. It-televixin jista' jkun mezz qawwi ta' tagħlim speċjalment meta jagħti lit-tfal esperjenzi li f'Malta ma jistgħux jgħaddu minnhom. Pereżempju annimali





li aħna m'għandniex. Imma jagħmlu ħafna ħażin dawn il-ġenituri li jitfgħu t-tfal quddiem it-televixin biex iżommuhom okkupati għal ħin twil l-aktar jekk ikunu qed jaraw programmi (anke jekk *cartoons*) li ma jkunu xejn addattati għat-tfal. Għalhekk is-superviżjoni hija meħtieġa.

*** Hemm xi ħaġa li għadna ma tkellimniex fuqha u li għandha x'taqsam mal-qari u allura mal-użu tal-lingwa. Ħafna ġenituri jiġu fi problema jekk għandhomx jużaw il-Malti jew l-Ingliż mat-tfal tagħhom. X'nistgħu ngħidu fuq din il-ħaġa?**

Jiena mmur mill-ewwel fuq il-fatti li ġejjin. L-ewwel ħaġa: il-Malti huwa l-ilsien nazzjonali; it-tieni: il-Malti u l-Ingliż huma ilsna uffiċjali ta' Malta; it-tielet: l-Ingliż huwa lingwa internazzjonali li nistgħu ninqdew biha fil-kuntatti tagħna ma' barra; ir-raba': eluf kbar ta' kotba (*fiction* u *non fiction*) huma bil-lingwa Ingliża; il-ħames: fl-iskola t-tfal tagħna jeħtieġu ħakma sew tal-Ingliż ħalli 'l quddiem ikunu kapaċi jistudjaw suġġetti varji. Allura jiena naħseb li għandna nimmiraw għall-bilingwiżmu, jiġifieri l-għarfien tajjeb kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż.

*** Kollox sew, imma x'lingwa se nużaw mat-tfal fid-dar meta dawn ikunu għadhom żgħar?**









Din hija deċiżjoni li jridu jieħdu flimkien il-ġenituri. Ħafna jibdew bil-Malti u jħallu l-Ingliż għal meta t-tfal jibdew imorru l-iskola. Issib ġenituri oħra li jibdew ikellmu lil uliedhom bl-Ingliż għax jgħidu li l-Malti jitgħallmuh man-nanniet jew mat-tfal tal-katekiżmu jew jaqbduh għax jisimgħuh fuq it-televixin. Hemm ġenituri oħra li jiddeċiedu li, ngħidu aħna, l-omm tkellem lil uliedha bl-Ingliż u l-missier bil-Malti. F'dan il-każ it-tifel jassoċja lingwa partikolari ma' persuna partikolari. Naħseb huwa importanti li nippruvaw nevitaw it-taħlit tal-lingwi, jiġifieri li fl-istess sentenza nagħmlu użu minn kliem bil-Malti u ieħor bl-Ingliż. Għandna nevitaw ukoll li nibdew nużaw lingwa u mbagħad naqilbu fuq oħra (*code switching).* Noqogħdu attenti għax nistgħu nispiċċaw li t-tfal la jkunu jafu Malti tajjeb u lanqas Ingliż tajjeb.



*** Allura mela niġu għall-qari liema lingwa se nużaw?**



Lit-tfal nistgħu naqrawlhom kotba biż-żewġ lingwi. Imma jeħtieġ li waqt il-qari bil-Malti, inkellmuhom bil-Malti u waqt il-qari bl-Ingliż inkellmuhom bl-Ingliż. Mhux tajjeb li nħalltu l-lingwi u ngerfxu lit-tfal. Ħaġ'oħra: il-qari mhux mal-omm biss imma mal-missier ukoll.



# (14) Tfal li għalqu t-tliet snin

*** Se nitkellmu dwar tfal li għalqu t-tliet snin. X'nistgħu ngħidu b'mod ġenerali dwar l-iżvilupp fiżiku tagħhom?**



Ta' tliet snin nieqfu nsejħulhom toddlers. Ikunu twalu, żiedu fil-piż u tellgħu snienhom kollha. Issibhom jorqdu l-lejl kollu – anke għaxar u tnax-il siegħa – mingħajr ma jixxarrbu, għalkemm xi inċident kultant jista' jiġri u, niftakru, li f'xi każi dan ma jkunx daqshekk rari.





*** F'każ li t-tfal jixxarrbu x'għandha tkun l-attitudni tagħna?**

Żgur li m'għandniex inġibuha bi kbira, ngħajtu magħhom jew nikkundannawhom. Lanqas inqabbluhom ma' ħuthom jew ma' tfal oħra. Noħduha bħal meta jkunu qed jiġru u jaqgħu.



*** X'ħiliet ikunu waslu għalihom f'din l-età?**



Ikunu kapaċi jilbsu ż-żarbun imma ma jaqflux il-lazz; bi ftit għajnuna jkunu jafu jilbsu weħidhom, anke jtellgħu ż-żipp, jieklu weħidhom u jużaw l-imgħarfa u l-furketta, u anke jaħslu snienhom.



*** Jiġifieri f'din l-età jkunu saru iżjed indipendenti?**

Iva. Imma ma nistennewx perfezzjoni. Jieklu weħidhom imma jwaqqgħu u jħammġu. Però l-indipendenza tagħhom hija sinifikanti.



Tarahom jużaw sikkina biex, ngħidu aħna, idellku biċċa ħobż bil-butir jew b'xi ħaġ'oħra; jaħslu snienhom u jdejhom, iferrgħu ilma jew likwidu ieħor, jieqfu fuq sieq waħda kif ukoll jaqbżu fuqha… .









## * Qed issemmi s-saqajn u l-idejn. X'ikunu waslu biex jagħmlu f'dan il-qasam?





Biżżejjed ngħidlek li jkunu jafu jimxu għal distanza qasira fuq il-ponot ta' subgħajhom; kapaċi jaqbżu xi oġġett (għoli, ngħidu aħna, sitt pulzieri jew ħmistax-il ċentimetru); jafu jdawru l-pedali ta' *tricycle* ; jitilgħu u jinżlu fuq iż-żurżieqa ; u jimxu fuq sinjal fl-art kemm jekk ikun dritt kif ukoll imserrep. Ikunu jafu jaqbdu ballun kbir, jitfgħuh anke b'lura, jiġifieri wara rashom u jtuh daqqa ta' sieq.



## * Hemm xi perikli li minnhom irridu nipproteġu lil uliedna?



Kif diġà għedna, it-tfal ikunu qed isiru dejjem aktar indipendenti. Jaħsbu li huma kapaċi aktar milli fil-fatt huma. Għalhekk meta tħallihom jilagħbu fil-beraħ trid tkun ċert li huwa post bla periklu, aktar u aktar meta jkunu qed jilagħbu ma' tfal akbar minnhom. Ħaġ'oħra, darrihom jimxu fuq il-bankina u ma jinżlux jekk ma jkollhomx idejhom f'idejn xi ħadd kbir.



## * Hemm xi perikli oħra li tajjeb insemmu?





Aktar qabel konna semmejna l-perikli ta' likwidi aċidużi, trab jew likwidu tal-ħasil, xi disinfettant, pitrolju jew affarijiet bħal dawn li għandhom ikunu magħluqa, l-istess bħall-pilloli jew mediċini oħra. Noqogħdu wkoll attenti minn għodda li taqta' jew bil-ponta (xi tornavit jew furmatur, ngħidu aħna), imsiemer, taċċi jew xi affarijiet ċkejknin li t-tifel jista' jibla'. Attenti wkoll minn pjanti li nsibu fid-dar u li xi wħud minnhom ikollhom partijiet velenużi li, jekk jittieklu, jistgħu jwasslu għall-mewt. Fid-djar tagħna, ngħidu aħna, spiss insibu l-*philodendron* u d-*dieffenbachia* li jagħtu dehra sabiħa għax huma ħajjin. Imma jeħtieġ li nkunu konxji tal-periklu li jistgħu joħolqu fejn hemm tfal żgħar minħabba li għandhom partijiet velenużi. Hemm ukoll perikli ta' elettriku, sulfarini, turġien perikolużi u x'naf jien. Tajjeb li l-adult jinżel fl-art ħalli jitbaxxa u jara l-oġġetti mill-angolu li jarawhom it-tfal ta' tliet snin.

## * F'din l-età f'hiex ikunu f'dak li hu diskors?



Tfal ta' tliet snin jużaw sentenzi ta' tlieta, erba' u ħames kelmiet. Ġieli jkollhom diffikultà joħorġu xi kelma imma dan m'għandux għalfejn jallarmana li se jibdew itemtmu. Ikunu kapaċi jirrepetu kliem



u ħsejjes, u allura nistgħu nilagħbu magħhom billi saħansitra nivvintaw flimkien kliem li ma jagħmlux sens. Dan nagħmluh biex nipprattikaw ħsejjes ġodda u fl-istess ħin inkunu qed nidħku u nieħdu pjaċir. Niftakru li ta' tliet snin it-tifla u t-tifel jesploraw kliem ġdid, għandhom *sense of humour* u jieħdu pjaċir jilagħbu logħob li jinvolvi kliem u ħsejjes anke li jagħmlu l-annimali. Iħobbu wkoll ikantaw u jistaqsu bosta mistoqsijiet għax ikunu jridu jkunu jafu meta, kif, għaliex, eċċ.

## (15) Tfal li għalqu t-tliet snin (ikompli)

* **Barra dawk li diġà semmejna, x'ħiliet oħra nistgħu nosservaw fi tfal li għalqu t-tliet snin?**







Dawn jieħdu pjaċir jisimgħu l-istejjer u huma stess kapaċi jgħidu storja sempliċi minn xi ktejjeb bl-istampi. Jifhmu meta tgħidilhom 'issa', 'dalwaqt', jew 'aktar tard'. Ikunu kapaċi jagħmlu *jigsaw puzzles* ta' xi sitt biċċiet u jibnu bejn ħames u seba' blokks fuq xulxin. Tfal ta' tliet snin ipinġulek ċirku u skwer, jagħrfu l-kuluri komuni, jgħoddu tnejn-tliet oġġetti, iqabblu oġġetti ma' stampi u jagħrfu ħsejjes ta' kuljum.

* **Jidher li sa tliet snin ikunu għamlu żvilupp sinifikanti. Fiex ikunu f'dak li hu żvilupp soċjali u emozzjonali?**



L-iżvilupp f'dan il-qasam jinħass ukoll. Tarahom jilagħbu weħidhom imma viċin tfal oħra, u għal xi ħin jingħaqdu magħhom ukoll b'mod spontanju, għalkemm ikun għadhom ma jħobbux jaqsmu l-ġugarelli u jikkoperaw ma' tfal oħra.



* **Kif tkun ir-relazzjoni tagħhom mal-ġenituri?**





Tajba, għalkemm jista' jkun li juru preferenza għas-sess oppost. Huwa ż-żmien meta jkunu għatxana biex jingħoġbu u għalhekk il-ġenituri għandhom jaħtfu dan iż-żmien biex iħajru lil uliedhom jaddottaw drawwiet sbieħ li mbagħad iżommuhom tul ħajjithom kollha. Għandi f'moħħi drawwiet bħal iġene personali, sports, attivitajiet, ikel u mitt elf ħaġ'oħra. Dawn id-drawwiet ikomplu jissaħħu bl-eżempju tajjeb li jagħtu l-ġenituri.

## * X’taħseb allura fuq il-ħin li l-ġenituri għandhom jgħaddu ma’ wliedhom?







Diġà għedt li dan ikun investiment li jħalli riżultati pożittivi ħafna. Il-ġenituri għandhom jibnu relazzjoni b’saħħitha mat-tifel jew tifla. Għandi f’moħħi kemm l-omm kif ukoll il-missier. It-tfal ikunu jixtiequ lilek tilgħab magħhom aktar milli ġugarelli li jiswew ħafna flus. Urihom li tħobbhom, għannaqhom, bushom, agħraxhom, tgerbeb magħhom fl-art, tellagħhom kukku żejt, aqbdilhom idhom u iġri ġirja, għidilhom stejjer u daħħal lilhom bħala l-karattru ewlieni, ħudhom kemm jista’ jkun f’postijiet varji, qabbadhom jagħmlu xogħol ħafif fid-dar, ilgħab magħhom tal-mamà u l-papà, u importanti li tagħmel xogħol inti magħhom, ngħidu aħna: “Anna, imxi miegħi ħa nnaddfu l-ġnien”, jew “Anton, ejja nippreparaw il-mejda għall-ikel. Tridx toħroġ l-imgħaref?” “Marija, imxi naħslu l-karozza.” Ibda wkoll xi affarijiet sempliċi tax-xjenza, bħal tilgħab magħhom b’xi biċċa kalamita, iżżarmaw xi ġugarell flimkien jew forsi tiżirgħu xi ħaġa li tikber malajr.

## * Meta tqis li f’din l-età t-tfal iħobbu jintgħoġbu, josservaw u jimitaw, tissuġġerixxi xi logħob jew attivitajiet oħra li l-ġenituri jistgħu jagħmlu ma’ wliedhom?









Hemm ħafna attivitajiet x’nistgħu nagħmlu kemm fid-dar u anke barra. Nibdew attivitajiet ta’ barra. Kemm jieħdu pjaċir it-tfal jekk immorru xi piknik, ngħidulhom nagħmlu kenur, jiġbru xi zkuk niexfa ħalli nsaħħnu l-ilma u nieħdu xarba sħuna, nilagħbu magħhom bil-ballun, intajru t-tajra, immorru l-baħar fis-sajf u nagħmlu għors kemm fuq ir-ramel kif ukoll fil-baħar. Waqt dawn l-attivitajiet jeħtieġ inkellmuhom, nuruhom affarijiet ġodda ħalli niftħulhom l-orizzonti, inħajruhom josservaw ħalli jiskopru u jitgħallmu. Il-ħamrija, is-siġar, l-għasafar, il-baħar, il-ħut, l-insetti, il-ġebel, il-ħaxix - kollox huwa mezz ta’ tagħlim waqt li qed nieħdu pjaċir. Meta nkunu barra nistgħu wkoll nilagħbu, ngħidu aħna, *Long Jump.* Din nistgħu nilagħbuha b’mod differenti mis-soltu. Inti taqbeż, imbagħad it-tifel jibda jaqbeż minn fejn tkun wasalt int, u nkomplu sejrin hekk. Nistgħu nilagħbu wkoll *Sweep.* Tpoġġi kaxxa fl-art b’ġenb miftuħ. Inti u t-tifla toqogħdu xi tliet metri bogħod mill-kaxxa b’ballun kbir. Bis-sieq jew b’biċċa njama ftit ħoxna tagħtu daqqa lill-ballun biex dan jidħol fil-kaxxa. Jilgħab min imissu. Id-distanza ta’ tliet metri tista’ tnaqqasha jew iżżidha skont il-ħila tat-tifla. Dejjem żomm f’moħħok li l-isfida trid tkun sfida ta’ veru imma li tista’ tintlaħaq bla sforz esaġerat. Hemm logħob ieħor li nistgħu

nilagħbu barra u anke ġewwa bħal, ngħidu aħna 'pizzi pizzi kanna', 'Iż-żunżana ddur iddur' kif ukoll dawk li jissejħu *Finger Plays* jew 'Ġorġ Jgħid' (ara s-sezzjoni li jmiss).





## (16) Tfal li għalqu t-tliet snin (ikompli)

* **Semmejna xi logħob li nistgħu nilagħbu ma' tfal ta' tliet snin u li forsi mhux kulħadd midħla tiegħu biżżejjed. Pereżempju x'inhi l-logħba 'Ġorġ Jgħid'.**




L-ewwel nett l-isem Ġorġ tista' tibdlu, tagħżel isem ieħor ta' tifel jew ta' tifla. Jien kieku nagħżel l-isem tat-tifel jew tat-tifla tiegħi.
It-tifel Ġorġ u ommu joqogħdu bil-wieqfa ftit 'il bogħod minn xulxin u jħarsu lejn xulxin. Ġorġ jgħid "Agħmel bħali" u, ngħidu aħna, jmiss imnieħru. L-omm timitah. Imbagħad imiss l-omm li tagħmel xi mossa u Ġorġ irid jagħmel bħalha. Din il-logħba tagħtik iċ-ċans li tkompli tgħallem lit-tifel partijiet differenti tal-ġisem kif ukoll tagħmel mossi bħal tgħolli jdejk, titbaxxa, toqgħod fuq sieq waħda, taqbeż u affarijiet bħal dawn.




* **Semmejna wkoll dawk li jissejħu *Finger Plays.* Dawn x'inhuma?**



Dawn jixbhu xi ftit lil-logħba ta' qabel u jgħinu ħafna f'dik li hi koordinazzjoni. Bażikament il-*Finger Plays* jinvolvu diskors akkumpanjat ma' mossi. Jista' jintuża kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż. Ħa nagħti eżempju wieħed. Se nagħżel 'Sleepy Caterpillars'




*Let's go to sleep, the caterpillar said,* ***(wiggle finger)***
*As they tuck themselves into their beds.* ***(make a fist)***
*They will awaken by and by,*
*And each one will be a lovely butterfly.* ***(open hand one finger at a time)***

* **Fejn nistgħu nsibu aktar minn dawn il-*Finger Plays*?**

Fuq l-internet issib ħafna. Fittex taħt *Finger Plays.* Tista' wkoll titħajjar tivvinta xi ftit inti stess, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

* **Qed ninnota kemm semmejna affarijiet li jinvolvu partijiet differenti ta' ġisimna. Nistgħu nsemmu logħob li jgħin lit-tfal mhux biss jitgħallmu fuq ġisimhom imma jkunu wkoll qed jitħarrġu fil-koordinazzjoni?**

Hemm vers ħelu bl-Ingliż jismu *Me*. Xi tfal jafuh u jkantawh waqt li jmissu partijiet ta' ġisimhom jew jagħmlu dak li jkunu qed jgħidu. Il-ġenituri jistgħu jilagħbu din il-logħba mat-tfal tagħhom u żgur li kulħadd jieħu pjaċir. Il-vers huwa hekk:

*Me*



*Two little eyes*
*That open and close*
*Two little ears but just one nose*
*Two little shoulders*
*One on each side.*

*Two little arms to open wide*
*Two little hands*
*Busy all day*
*Two elbows that bend*
*They're made that way.*

*Two little feet so sturdy and strong*

*And two little legs*
*That run all day long.*

* **Nistgħu nsemmu aktar attivitajiet biex ngħinu lit-tfal f'dak li hu *motor development*?**







Pereżempju, nistgħu nilagħbu billi ngħollu, naħbu jew inċaqalqu partijiet differenti ta' ġisimna. Nistgħu nilagħbu logħba fejn nimitaw, ngħidu aħna ninħall bħal ġelat u allura rrid ninżel lejn l-art bil-mod bħallikieku qed ninħall; jew intir bħal għasfur u allura rrid niġri b'rasi mgħollija u nferfer idejja bħallikieku ġwienaħ; nista' naqbeż jew niħħoppja bħalma jagħmel kangaru jew inserrep mal-art bħalma jagħmel serp. Nista' wkoll nitkaxkar bħal fekruna, niġri bħal kelb jew nitla' ma' siġra bħal xadina. Din tista' tkun logħba interessanti ħafna għax, apparti l-eżerċizzju fiżiku li tinvolvi, toffri wkoll lit-tfal tagħlim fuq l-annimali. Għalkemm uħud minn dawn l-annimali ma jeżistux f'Malta, imma t-tfal ikunu rawhom fuq it-televixin u anke tgħallmu karatteristiċi tagħhom.

**Kif nistgħu b'logħob bħal dan inkabbru l-vokabolarju tat-tfal u fl-istess ħin inkomplu nsaħħu r-rabta tagħna magħhom?**

Żgur li nistgħu nagħmlu dan. Ħa nsemmi biss ftit eżempji. It-tifla timtedd fl-art u inti tgħidilha: "Ħa naqbżek" u tagħmel hekk. Jekk tkun qed tkellimha bl-Ingliż titgħallem il-kelma *over* u fl-istess ħin tkun qed tilgħab, tieħu pjaċir u tħobbok iktar għax qed tilgħab magħha. Tistgħu mbagħad tilagħbu billi t-tifla taqbeż lilek. Tista' wkoll toqgħod fl-art fuq saqajk u idejk biex tifforma bħal mina. It-tifla titkaxkar (*crawls*) biex tgħaddi. Imbagħad biddlu l-irwoli. Logħba oħra sempliċi hija li toqgħod bil-wieqfa b'saqajk miftuħin u t-tifel jitkaxkar biex jgħaddi minn bejn (*between*) saqajk. Wara jkun imiss lilek li titkaxkar biex tgħaddi minn bejn saqajn it-tifel li min jaf kemm jieħu pjaċir u jidħak. Dan huwa logħob sempliċi li ma jqumx flus. Trid biss li jkollok ir-rieda u li ssib il-ħin. Trid ukoll il-paċenzja. Imma ftakar li dan huwa tagħlim meħtieġ ħafna.

**Kif jistgħu l-ġenituri jitgħallmu aktar fuq affarijiet bħal dawn?**



L-aktar metodu effettiv huwa li jaqraw kotba jew rivisti jew ukoll ifittxu fuq l-internet. Issib baħar ta' tagħlim li minnu tista' tagħżel dak addattat anke skont l-età tat-tifel jew tifla tiegħek.



**Hemm xi messaġġ tal-aħħar li nistgħu ngħaddu lill-ġenituri?**









Iva, hemm diversi messaġġi. Il-ġenituri jridu jiftakru li mhux biżżejjed li lit-tfal jitimgħuhom u jlibbsuhom. Iridu wkoll juruhom li jħobbuhom u għalhekk jgħaddu ħin jilagħbu magħhom. Jiftakru wkoll li t-tfal jikbru malajr u għalhekk dak li għandek tagħmel issa ma tistax tagħmlu s-sena d-dieħla. Jiddispjaċik jekk lil uliedek ma tkunx gawdejthom waqt li jkunu qed jikbru. Jekk tgawdihom waqt li qed jikbru jfisser li qed tibni fis-sod relazzjoni tajba magħhom li tibqa' anke wara li jikbru. Messaġġ tal-aħħar hu dan. It-tfal huma individwi u ma jiżviluppawx bl-istess mod u bl-istess rata. Għalhekk toqgħodx tinkwieta żżejjed jekk hemm xi ħaġa li tifel ta' sentejn jew tliet snin għadu ma wasalx biex jagħmilha. Imma jekk tinduna li hemm xi ħaġa ma ddoqqlokx, jekk it-tifla mhix qed turi diversi ħiliet li tfal oħra tal-età tagħha diġà akkwistaw, allura tkellem ma' speċjalista tat-tfal jew ma' psikologu li jkun jista' jgħinek u jserraħlek moħħok. Jekk ikun hemm bżonn ta' xi intervent, dan għandu jsir kemm jista' jkun kmieni.
Mill-bqija, huma x'inhuma wliedna, ejjew ingawduhom u nagħtuhom l-aħjar trobbija possibbli.

---